MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 198/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**Joseph Caruana**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€129.30) – (Lm55.51c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjetà attrici skond *Client Contract Number 1008450* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Lulju 2007 u Mejju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€129.30) – (Lm55.51c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------